Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell 50/2015

**David Youngman (intimat)**

**vs**

**L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar li b'digriet tal-14 t'Ottubru 2016 ghandha tissejjah l-Awtorita' tal-Ippjanar (intimata);**

**u l-kjamat in kawza Francis X. Tabone f'isem Gozo Club Developments Limited (rikorrent)**

12 ta' Dicembru 2016

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Francis X. Tabone *noe* tat-12 ta' April 2016 permezz ta' liema talab lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tas-17 ta' Frar 2016 fl-ismijiet premessi a tenur tal-artikolu 811 (k) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna r-ritrattazzjoni taghha.

Rat it-twegiba tal-intimata Awtorita' tal-Ippjanar tat-2 ta' Mejju 2016[1] permezz ta' liema ssollevat il-punt dwar jekk ir-ragunijiet li fuqhom ir-rikorrent qieghed jibbaza t-talba tieghu jiffigurawx fil-parametri stretti tal-procedura tar-ritrattazzjoni. Hija rrilevat ukoll li l-pozizzjoni tar-rikorrent hija proprju fis-sens li d-decizjoni tal-Awtorita' ghall-hrug tal-permess relattiv timmerita konferma.

Rat it-twegiba ta' David Youngman tas-6 ta' Mejju 2016[2] permezz ta' liema huwa oppona ghat-talba tar-rikorrent ghaliex fil-fehma tieghu is-subinciz (k) tal-artikolu 811 tal-Kap 12 ma japplikax ghall-fattispecie tal-kaz prezenti.

Fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2016[3] deheru d-difensuri tal-partijiet kif ukoll rapprezentant tas-socjeta' rikorrenti u l-intimat Youngman. Saret trattazzjoni.

Il-Qorti rat l-atti li minnhom jirrizulta li:

[1] Fol 44.
[2] Fol 50 *et seq.*
[3] Fol 57.

i. Fis-26 ta' Marzu 2009, David Youngman appella bhala terz interessat quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar wara li l-MEPA kienet approvat permess ghal zidiet u alterazzjonijiet gewwa fond fi Triq ta' Ghammar, l-Ghasri Ghawdex a favur tal-applikant Francis X. Tabone noe;

ii. Fit-8 ta' Novembru 2012, it-Tribunal ta' Revizjoni ta' l-Amjent u l-Ippjanar laqa' dan l-appell u rrevoka l-permess mahrug fit-8 ta' Mejju 2009 mill-MEPA ghall-applikazzjoni PA 6077/07;

iii. Fis-27 ta' Novembru 2012 Francis X. Tabone appella mid-decizjoni tat-Tribunal u b'sentenza tal-14 ta' Novembru 2013 din il-Qorti laqghet l-appell tieghu, irrevokat id-decizjoni tat-Tribunal u baghtet lura l-atti lill-istess Tribunal sabiex jerga' jiddeciedi l-appell wara li jiehu in konsiderazzjoni l-aggravju tal-appellant li ma kienx gie ndirizzat mit-Tribunal. Skont dan l-aggravju, t-Tribunal kien injora ghal kollox is-sottomissjoni ta' Tabone li l-applikazzjoni tieghu ma kinitx tirrigwarda zvilupp gdid izda zidiet fi zvilupp gia approvat u allura kommess u kwindi mhux in vjolazzjoni tal-*policy* 3.8 tad-DC 2007;

iv. B'decizjoni tat-8 t'Ottubru 2015 it-Tribunal cahad l-appell ta' Youngman, ikkonferma l-hrug tal-permess PA 6077/07 u ordna lil Francis X. Tabone noe sabiex fi zmien 30 jum mid-data tad-decizjoni jipprezenta applikazzjoni ta' *minor amendment* skont l-Avviz Legali 514 tal-2010 biex jinkludi amenda zghira fil-pjanta approvata PA 6077/07/90A li tindika l-hajt tat-terrazzin li jhares fuq il-proprjeta' tat-terz sa 7 filati 'il fuq mill-livell tal-art tal-istess terrazzin;

v. Fit-28 t'Ottubru 2015 David Youngman appella minn din id-decizjoni quddiem din il-Qorti;

vi. Fil-5 ta' Frar 2016 l-appellat illum rikorrent Tabone noe intavola rikors quddiem din il-Qorti fejn talab l-allegazzjoni tal-file shih relattiv ghall-permess PA2924/2004 u tal-file shih relattiv ghall-permess PA6077/2007[4];

vii. B'digriet datat 17 ta' Frar 2016, din il-Qorti cahdet it-talba bhala wahda "*mhix gustifikata ghax l-aggavju li ta lok ghal dan ir-rikors hu riferibbli ghall-permess PA 6077/07 u dak li jikkontjeni, liema permess hu in atti*[5]";

viii. B'sentenza datata 17 ta' Frar 2016 din il-Qorti laqghet l-appell tta' David Youngman, irrevokat id-decizjoni tat-Tribunal u rrinvijat l-atti lura lit-Tribunal biex jerga' jiddeciedi l-appell mill-gdid.

**Preliminarjament**, il-Qorti tinnota li r-rikors tar-rikorrent gie debitament kawtelat fit-12 t'April 2014[6]. Il-pregudizzjali dwar il-garanzija[7] mressqa mill-intiamt Youngman hi sorvolata.

---

[4] Fol 85 *et seq.*
[5] Fol 92.

**Fil-mertu**, it-talba għar-ritrattazzjoni hi bażata fuq dawn l-ilmenti–

- fis-sentenza tagħha tas-17 ta' Frar 2016, din il-Qorti waslet għad-deċiżjoni wara li straħet fuq l-atti li kellha quddiemha meta dawn ma kinux kompluti. Dan b'kuntrast mat-Tribunal li sabiex wasal għall-konklużjonijiet tiegħu kellu a dispożizzjoni tiegħu l-inkartament sħiħ tal-permess *de quo*;

- Li kieku din il-Qorti laqgħet it-talba għall-allegazzjoni tal-files indikati fir-rikors tal-5 ta' Frar 2016, hija kien ikollha l-opportunita' li tinduna li l-ġustifikazzjoni bil-miktub għad-devjazzjoni mill-policy 3.8 kienet ingħatat fil-process li wassal għad-deċiżjoni dwar il-permess PA6077/07;

- Ir-rikorrent jgħid li għamel dak kollu possibbli sabiex iressaq l-inkartament sħiħ tal-permess PA2924/04 u tal-permess PA6077/07 tant li pprezenta rikors għal dan il-għan, iżda inutilment;

- Għalih, id-dokumenti li tagħhom talab l-allegazzjoni huma deċiżivi: l-inkartament tal-permess PA6077/07 huwa deċiżiv għax kien jifforma parti mill-inkartament li fuqu ngħatat id-deċiżjoni tat-Tribunal u minnu tirriżulta l-ġustifikazzjoni bil-miktub il-għala l-policy 3.8 ma ġietx applikata; u l-inkartament tal-permess PA2924/04 huwa deċiżiv għaliex dan kien ġie allegat mal-inkartament tal-permess PA6077/07 billi dan tal-aħħar jitratta dwar estensjoni għal żvilupp approvat bil-permess PA2924/04, u minnu jirriżultaw il-kondizzjonijiet li japplikaw għall-iżvilupp intern oriġinalment approvat. Anke d-DCC kien talab l-allegazzjoni tal-PA2924/04 meta ġie biex jiddeċiedi l-PA6077/07;

- La l-ewwel istanza (il-Kummissjoni għall-Kontroll tal-Iżvilupp) u t-tieni istanza (it-Tribunal ta' Reviżjoni) kellhom quddiemhom l-inkartament sħiħ, l-istess inkartament kellu jkun disponibbli lil din il-Qorti bħala dik tat-tielet istanza.

L-oġġezzjoni tal-intimat David Youngman hi bażata fuq dawn l-argumenti:

- Ir-rikorrent qiegħed jinqeda b'dawn il-proċeduri biex iressaq it-tieni appell minn dawn il-proċeduri;

- Il-kriterji għall-applikabilita' tal-artikolu 811 (k) tal-Kap 12 ma ġewx sodisfatti għaliex ir-rikorrent mhux biss kien jaf bl-eżistenza tad-dokumenti in kwistjoni iżda anke kien talab il-produzzjoni tagħhom fl-istadju tal-appell quddiem din il-Qorti, liema talba kienet ġiet miċħuda;

[6] Fol 1.
[7] Enumerata bin-numru 2 fir-risposta a fol 50.

- Id-dokumenti ndikati mir-rikorrent m'humhiex decizivi.

L-Awtorita' sostanzjalment irrimettiet ruhha ghad-decizjoni tal-Qorti.

Fil-kaz **Annunziata Farrugia et vs Crocifisso Gauci et deciza fil-5 ta' Lulju 2016**[8] il-Qorti qalet illi **-**

*"Ir-rimedju tar-ritrattazzjoni hu ta' indoli straordinarja, lumeggjat dan il-karattru straordinarju bl-istorja ta' dan l-istitut; bil-konsegwenza logika illi r-regoli li jigvernaw dan l-istitut huma ta' interpretazzjoni strettissima. Diversament taht il-pretest ta' ritrattazzjoni, il-litigant sokkombent ikun jista' jerga' jiftah il-kawza u b'hekk indirettament jinholoq tribunal tat-tielet istanza. ... (Rev. Don Giuseppe Aquilina v. Francesco Aqiulina, Appell Civili, 18 ta' April 1958).*

*"Din il-Qorti fis-sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet Dottor Austin Bencini nomine v. Dottor Remigio Zammit Pace nomine deciza fl-20 ta' Frar 1996 qalet fost affarijiet ohra:*

*"Il-gurisprudenza taghna dejjem ghallmet li r-rimedju straordinarju in kwantu jikkostitwixxi deroga ghal principju fondamentali li l-gudikat jikkostitwixxi l-ligi bejn il-kontendenti u dan independentement mill-fatt jekk dak il-gudikat jirrispekkjax kompletament il-verita` jew il-gustizzja. Ir-Rumani kienu jesprimu dan il-kuncett bil-massina res judicata pro veritate habetur. F'dan il-kuntest tista' ssir riferenza ghas-sentenza riportata fil-Kollezzjoni Volum XXV-I-137 fejn tant tajjeb gie sottolinejat li r-rimedju tar-ritrattazjoni;*

*"Non si da' per qualunque caso di vera o supposta ingustizia, di vero i supposto errore di fatto, ma solo in quei casi tassattivamente stabbiliti dala legge dovendo in ogni caso prevalere la stabbilita` dell' giudicato che sola puo mettere fine alle liti, poiche' l' autorita` della cosa giudicata importa grandemente alla sicurezza civile."*

*"Minn dan ... titnissel il-konsegwenza logika li r-regoli li jirregolaw dan l-istitut tar-ritrattazzjoni huma ta' interpretazzjoni strettissima (Vol. XXVIII818). Diversament taht il-pretest ta' ritrattazzjoni, il-litigant sokkombent jista' jiftah il-kawza u b'hekk indirettament johloq ghalih tribuna tat-tielet istanza, (Vol. XLII-I-227) li mhix permessa mil-ligi."*

*– ara f'dan is-sens sentenza ta' din il-Qorti tat-30 ta' Ottubru, 2015, fil-kawza fl-ismijiet **Emmanuel Mallia et v. Le Terrain Limited. App. Civ. 822/08**."*

Fir-rikors li ghandha quddiemha l-Qorti, ir-rikorrent qieghed jibbaza t-talba tieghu fuq is-subinciz (k) tal-artikolu 811 tal-Kap 12 li jipprovdi hekk:

*"811. Kawża deċiża b'sentenza mogħtija fi grad ta' appell jew mill-Qorti Ċivili, Prim Awla, fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha, tista', fuq talba ta' waħda mill-partijiet li jkollha interess, tiġi ritrattata, wara li qabel xejn tiġi mħassra dik is-sentenza, għal waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:*
*[.....]*

*(k) jekk, wara s-sentenza, ikun instab dokument deċiżiv, u li l-parti li ġġibu ma kinitx taf bih, inkella, illi, bil-mezzi li tagħti l-liġi, ma setgħatx iġġibu, qabel dik is-sentenza;"*

Dwar din id-dispozizzjoni l-Qorti qalet hekk fil-kaz **Joseph Bonnici vs Mark Zammit et deciz fil-31 ta' Mejju 2013**[9] -

---

[8] Qorti tal-Appell Rik Nru 822/08.
[9] App. Civ. Nru. 1655/2001.

*"Kif qalet din il-Qorti, Sede inferjuri, fil-kawza* ***Agius Gilibert u Cassar Torregiani*** *deciza fis-6 ta' Ottubru, 2004:*

*"Il-gurisprudenza taghna kellha diversi okkazjonijiet tfisser dan id-dispost tal-ligi u ghalhekk jinhass opportun illi wiehed jelucida l-aktar aspetti saljenti tal-principju:-*

*(1) "Pei fini della ritrattazione a norma del numero 11 articolo 828 Leggi Procedurali, il documento ricuperato dev'essere tale che induca necessariamente una soluzione diversa della causa, e non e` sufficiente che esso possa importare soltanto un elemento nuovo di prova atto per suo natura a presentare il fatto sotto un diverso aspetto" –* ***"Michele Desira -vs- Avv. Dr. Antonio Caruana",*** *Appell, 4 ta' Mejju 1934 (Vol XXVIII pI p584).*

*(2) Per atto decisivo ricuperato di cui in detto disposizione di legge si deve intendere un atto appartenente al ricuperante o in proprieta o in possesso, o almeno comune fra ricuperante ed il suo contradittore, il quale dolosamente lo avesse celato" –* ***"Chierico Giuseppe Marmara -vs- Michele Mizzi",*** *Prim'Awla, Qorti Civili, 16 ta' Mejju 1919 (Vol XXIV pII p35).*

*(3) "Non si da luogo alla ritrattazione pel motivo di avere dopo la sentenza ricuperato un documento decisivo se non quando fosse impossibile o molto difficile di produrre quel documento nel primo giudizio" –* ***"Giuseppe Barbara -vs- Alfredo Barbara",*** *Appell, 28 ta' Frar 1934 (Vol XXVIII pI p825);* ***"Negte. Giuseppe Debono -vs Giuseppe Fava et",*** *Appell, 21 ta' Jannar 1949 (Vol XXXIII pI p703). Insenjament dan li baqa' jigi konsegwit saz-zminijiet ricenti, kif hekk manifest fis-sentenza fl-ismijiet "* ***Pio Vassallo -vs- Emmanuel Chetcuti et",*** *Appell, 28 ta' Frar 1997.*

*(4) "Min jitlob ir-ritrattazzjoni ghall-motiv li jkun sab xi dokument deciziv wara s-sentenza jehtieg li jipprova, mhux biss li hu ma kienx jaf bl-ezistenza ta' dak id-dokument, imma ukoll illi huwa uza l-hila tieghu kollha, jew ghallanqas id-diligenza ta' "bonus pater familias" biex isir jaf bih, isibu u jgibu 'l quddiem meta kien imissu, inkella r-rimedju straordinarju tar-ritrattazzjoni ma jigix moghti" –* ***"Giuseppe Darmanin noe et -vs- Virginia Cordina et",*** *Appell, 11 ta' Mejju 1936 (Vol XXIX pI p645).*

*"Mhux bizzejjed allura li jigi pruvat li r-rikorrent kien fl-impossibilita` li jipproduci d-dokument. Irid ukoll jissodisfa lill-Qorti illi hu kien ipprova jakkwistah bil-mezzi kollha a disposizzjoni tieghu" –* ***"Carmelo Busuttil -vs- Mary Gauci et", Appell, 24 ta' Jannar 1997."***

Ezami tal-fattispecje tal-kaz odjern fil-kuntest tal-ligi u l-principji citati jwassal lill-Qorti ghall-konkluzjoni li t-talba tar-rikorrent mhijiex gustifikata. Hu evidenti li dak li qeghda tipprovdi d-disposizzjoni in ezami hi ghal dawk il-kazijiet fejn **<u>wara s-sentenza</u>** li tintalab ir-ritrattazzjoni taghha, **<u>jinstab</u>**[10] dokument deciziv. Tant hu hekk li wkoll ghal dak li jirrigwarda t-terminu li fih ghandha ssir it-talba ghar-ritrattazzjoni, il-ligi tipprovdi li t-terminu ta' tlett xhur jibda jghodd mill-gurnata li fiha ***"jinsab id-dokument"*** (Art. 818(1) tal-Kap. 12). F'dan il-kaz, wara s-sentenza ta' din il-qorti tas-17 ta' Frar 2016 ma nstab l-ebda dokument. Ir-rikorrent isostni li d-dokumenti decizivi huma l-atti tal-permessi 2924/2004 u 6077/2007. Pero' meta kienet ghadha ma nghatatx is-sentenza, ir-rikorrent ipprezenta rikors (5 ta' Frar 2016) fejn talab lill-qorti sabiex ma tatix is-sentenza, u sabiex tordna l-allegazzjoni tal-atti tal-imsemmija permessi. Bid-digriet tas-17 ta' Frar 2016 il-qorti cahdet it-talba[11].

---

[10] Bit-test Taljan kien *'recuperato'*.

[11] Digriet – *"Tqis it-talba mhix gustifikata ghax l-aggravju li ta lok ghal dan ir-rikors hu riferibbli ghal permess PA 6077/07 innifsu u dak li jikkontjeni, liema permess hu in atti".*

Qabel inghatat is-sentenza li taghha qeghda tintalab ir-ritrattazzjoni, **il-partijiet kollha kellhom pjena konoxxenza tad-dokumenti li r-rikorrent qed jirreferi ghalihom bhala decizi u kienu jafu fejn huma, u cioe' l-file kollu tal-permess PA 2924/04 u l-file kollu tal-permess PA6077/07**. Anzi fir-rikors tieghu ir-rikorrent jirrikonoxxi li dan l-inkartament kien fl-atti tal-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp u fl-atti tal-proceduri quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar[12]. Allura mhux il-kaz li ***"nstab"*** xi dokument ***"wara"*** s-sentenza.

Ghaldaqstant gialadarba jonqos rekwizit essenzjali taht l-artikolu 811 (k) tal-Kap 12, it-talbiet ser jigu michuda. M'hemmx dubju li l-imsemmi paragrafu mhuwiex intiz biex jaghti rimedju lil parti li titlef appell sabiex tikkontesta digriet li tkun tat il-Qorti tal-Appell u terga' tiftah il-kaz berah. Fir-realta, dak hu li qieghed jipprova jaghmel ir-rikorrent in kwantu b'mod indirett qieghed jikkontesta d-digriet moghti fis-17 ta' Frar 2016. Ir-ritrattazzjoni m'ghandix isservi ghalhekk, li min-natura taghhom huma straordinarji u fejn l-interpretazzjoni ghandha tkun wahda restrittiva.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad it-talbiet bl-ispejjez kontra r-rikorrent.**

Anthony Ellul.

[12] Rikors a fol 7 (l-ahhar paragrafu).